Nominazzjonijiet għall-Parent Carer Committee 2027–2029

Linji Gwida għall-Ġenituri/Kustodji

Is-Sehem Tiegħek Jagħmel Differenza!

Il-Parent Carer Committee għandu rwol importanti fit-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn il-familji u *stakeholders* fl-edukazzjoni, biex ikun hemm sapport fl-inklużjoni edukattiva u l-benesseri tal-istudenti b'diżabilità. Permezz ta' djalogu u parteċipazzjoni, il-Kumitat jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' prattiki inklużivi u jgħin biex jiżgura li l-vuċi tal-ġenituri/kustodji tinstema'.

Inħeġġu lill-ġenituri eliġibbli biex jipparteċipaw b'mod attiv f'dawn l-elezzjonijiet billi joffru l-ħin tagħhom biex iservu bħala Membri tal-Kumitat jew billi jinnominaw ġenituri oħra li wliedhom għandhom *Individualised Education Plan* (IEP).

L-Għan tal-Parent Carer Committee

Il-Kumitat tal-ġenituri/kustodji għandu:

- Jiffoka fuq l-inklużjoni fl-edukazzjoni għas-sapport għat-tfal b'diżabilità.
- Jippromwovi kollaborazzjoni effettiva bejn il-ġenituri/kustodji u l-Ministeru
- Jiffaċilita deċiżjonijiet trasparenti, rispettuż u inklussivi.
- Jipprovdi pjattaforma għall-konsultazzjoni dwar kwistjonijiet li jaffettwaw lill-istudenti b'diżabilità.
- Jirrispetta u jopera skont il-politika, il-proċeduri u l-frameworks legali stabbiliti mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u Sport.

Il-Kompożizzjoni tal-Parent Carer Committee

Il-Parent Carer Committee għandu jkun magħmul minn:

- Chairperson: Uffiċjal Edukattiv fil-qasam tal-Inklużjoni.
- Rappreżentanti tal-ġenituri/kustodji eletti minn fost il-ġenituri u l-kustodji eliġibbli.
- Rappreżentanti mid-Direttorat jew mis-servizzi ta' appoġġ rilevanti, skont il-ħtieġa.

Ir-Responsabbiltajiet tal-Parent Carer Committee

Ir-responsabbiltajiet tal-Kumitat jinkludu:

- Jiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni inklussiva u l-aċċessibbiltà.
- Jagħti *feedback* dwar politika, prattiċi u servizzi li jaffettwaw lill-istudenti b'diżabilità.
- Jippromwovi kollaborazzjoni bejn il-familji, l-iskejjel u s-servizzi ta' edukattivi.
- Jiġu jdentifikati kwistjonijiet komuni u jipproponi rakkomandazzjonijiet biex jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet rilevanti.
- Jappoġġja inizjattivi li jsaħħu l-parteċipazzjoni, it-tagħlim u l-benesseri tal-istudenti b'diżabilità.
- Jinkoraġġixxi impenn pożittiv bejn il-ġenituri/kustodji u l-partijiet interessati fil-qasam edukattiv.

Il-Kumitat għandu jaġixxi fi rwol konsultattiv u ta' konsulenza u ma għandux jintervjeni f'każijiet individwali, ilmenti, kwistjonijiet relatati mal-persuna, jew deċiżjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-iskejjel, tad-Direttorat jew ta' awtoritajiet kompetenti oħra.

Dati Importanti

Elezzjonijiet għall-Parent Carer Committee

In-nomini jiftħu onlajn	6 ta' Novembru 2026
In-nomini jagħlqu	13 ta' Novembru 2026
Il-kodiċi jintbagħat elettronikament lill-iskejjel fejn tkun se ssir elezzjoni	24 ta' Novembru 2026
Il-kodiċi jintbagħat elettronikament mill-iskola lill-edukaturi u lill-ġenituri/kustodji	25 sa 27 ta' Novembru 2026
Tiftaħ il-votazzjoni onlajn	30 ta' Novembru 2026
Tagħlaq il-votazzjoni onlajn	7 ta' Dicembru 2026

Nominazzjonijiet

1. **Min hu eliġibbli?**

Min jista' jipparteċipa

Ġenituri/kustodji ta' tfal li:

- Bħalissa jattendu Skola tal-Istat f'Malta; u
- Għandhom *Individualised Education Plan* (IEP);

li jistgħu jinnominaw, u joħorġu għall-Elezzjonijiet tal-Parent Carer Committee.

2. Kif Tissottometti Nomina

- Aċċessa s-sit mill-ilearn account: https://education.gov.mt/useful-links/school-council-elections/
- Agħfas fuq *Parent Nomination*
- Imla s-sezzjonijiet kollha ta' din il-formola onlajn.
- Meta timla u tissottometti din il-formola, tkun qed tinnomina lilek innifsek biex in-nomina tiegħek tiġi kkunsidrata.
- Jekk jogħġbok innota li s-sezzjonijiet kollha tal-formola huma obbligatorji u jridu jimtlew qabel ma l-formola tkun tista' tiġi sottomessa b'suċċess.
- Qabel tissottometti l-formola, ġentilment irrevedi l-informazzjoni pprovduta sabiex tiżgura li hija kompluta u korretta.

Eliġibbiltà u Kundizzjonijiet

1. Il-ġenituri jistgħu jinnominaw, u joħorġu għall-elezzjoni biss jekk uliedhom għandhom *Individualised Education Plan* (IEP) preżenti;
2. Ġenitur wieħed biss mill-istess familja jista' joħroġ għall-elezzjoni.
3. Ġenituri ta' studenti li jinsabu fl-aħħar sena tal-iskola jistgħu joħorġu għall-elezzjoni.
4. Il-membri huma mistennija jaġixxu fl-interess tal-istudenti kollha b'diżabilità u tal-familji tagħhom, aktar milli jirrappreżentaw każijiet individwali.
5. Il-membri għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-kunfidenzjalità, ir-rispett u l-parteċipazzjoni kostruttiva.
6. Is-sħubija fil-Kumitat ma tagħtix aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali relatata ma' studenti, familji jew skejjel oħra.

Votazzjoni

1. Kull ġenitur/kustodju se jirċievi kodiċi tal-vot uniku u l-link biex tivvota onlajn.
2. Il-kandidati li jiksbu l-ogħla numru ta' voti jiġu eletti fil-Kumitat tal-ġenituri/kustodji
1. Il-votanti eliġibbli jistgħu jagħżlu sa massimu tan-numru ta' kandidati speċifikat fuq il-polza tal-votazzjoni.

Kif Tivvota

- Aċċessa s-sit mill-ilearn account https://education.gov.mt/useful-links/school-council-elections/
- Agħfas fuq **Parent Carer Committee Voting**
- Agħżel **10 (għaxar) kandidati** mil-lista li tidher.

- Daħħal il-kodiċi uniku tiegħek għall-votazzjoni.
- Ikklikkja fuq **Vote**.

Kodiċi ta' Etika

Il-membri kollha tal-Parent Carer Committee huma mistennija li:

- Jippromwovu l-inklużjoni, id-dinjità u r-rispett lejn l-istudenti kollha.
- Jaħdmu b'kollaborazzjoni mal-iskejjel, mal-professjonisti fil-qasam edukattiv u mal-familji.
- Jieħdu sehem fid-diskussjonijiet b'mod rispettuż u kostruttiv.
- Jirrispettaw il-kunfidenzjalità u r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.
- Jevitaw kunflitti ta' interess.
- Jimxu mal-politika u mal-frameworks legali stabbiliti mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport.

Nota Importanti

Elezzjoni ssir biss jekk in-numru ta' nominazzjonijiet validi jkun **aktar minn għaxra (10)**. Jekk in-numru ta' kandidati nominati jkun daqs jew inqas min-numru ta' postijiet disponibbli, il-kandidati jitqiesu eletti awtomatikament.

Grazzi tal-impenn tagħkom biex tappoġġjaw edukazzjoni inklużiva u biex tiżguraw li l-vuċi tal-ġenituri/kustodji ta' tfal b'diżabilità tkompli tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema edukattiva inklużiva.

Tislijiet